MALTA

ATT Nru.XXXIII ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1970 dwar l-Immigrazzjoni.

ACT No. XXXIII of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Immigration Act, 1970.

Nagħti l-kunsens tiegħi

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

25 ta' Novembru, 1988

ATT Nru. XXXIII ta' l-1988

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1970 dwar l-Immigrazzjoni.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1970 dwar l-Immigrazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jitqies li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Mejju, 1987.

Emenda ta' diversi artikoli ta' l-Att prinċipali.

2. (1) Fil-proviso għall-artikolu 4, fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7, fl-artikolu 11, fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12, fil-proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13 u fil-proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni" kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "Prim Ministru".

(2) Fl-Att prinċipali, ħlief fl-artikoli u s-subartikoli msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "Ministru responsabbli għall-intern".

Emenda ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

3. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Kemm il-Prim Ministru u kemm il-Ministru responsabbli għall-intern jista' jawtorizza bil-miktub lil uffiċjal pubbliku mhux

taħt il-grad ta' Kap ta' Dipartiment biex jeżerċita minfloku s-setgħat kollha jew uħud minnhom mogħtija lilu bħala Prim Ministru jew bħala l-Ministru responsabbli għall-intern, skond il-każ, b'dan l-Att, minbarra għar-rigward tal-Prim Ministru s-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 u għar-rigward tal-Ministru responsabbli għall-intern is-setgħat mogħtija bil-proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 14 u bl-artikolu 36:

Iżda l-Prim Ministru u l-Ministru responsabbli għall-intern jistgħu jawtorizzaw skond dan is-subartikolu persuni differenti għal-skopijiet differenti.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 174 tat-23 ta' Novembru, 1988.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati